**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 19 ta' Jannar 2024**

**Kumpilazzjoni Numru 49/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Stefan Spiteri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Stefan Spiteri ta' 37 sena, li għandu numru tal-karta tal-identita' 291284(M), fejn ġie akkużat talli

*"nhar it-18 ta' Settembru 2021, ghal-habta 12.30p.m. u fil-ħinijiet u l-ġurnata ta' qabel ġewwa l-appartament 'Phyrso', P.H. 2, Triq Majmuna, Xewkija, Għawdex u/jew fil-viċinanzi;*

1. *Ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħfief fuq il-persuna ta' martu Charlene Nadine Spiteri, hekk kif ċertifikat Dr. Thea Chetcuti M.D. Reg. No. 3330 minn Ċentru tas-Saħħa ta' Rabat, Għawdex u dan bi ksur tal-Artikoli 221 u 222 tal-Kapitolu 9;*

2. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi kkommetta serq ta' mobile phone tal-għamla Apple 12, flus kontanti u dokumenti oħra personali li l-valur tagħhom jaqbez aktar minn mitejn u hamsin ewro (250) izda hu anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37), għad-dannu ta' Charlene Nadine Spiteri, liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267 u 269 tal-Kap. 9;*

3. *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi mingħajr ma' darab jew sawwat, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ ohra iebsin jew waddab jew qabad arma u cioe' arma li taqta' u bil-ponta kontra l-persuna ta' martu Charlene Nadine Spiteri u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9;*

4. *U aktar talli fil-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granent ta' qabel heddid jew inġurja bi kliem jew b'mod iehor lil martu Charlene Nadine Spiteri u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9;*

5. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna tal-partner tiegħek Charlene Nadine Spiteri sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9;*

6. *U aktar talli fil-istess data, hin, lok u ċirkostanzi kkaġuna biza' lil martu Charlene Nadine Spiteri, li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9;*

7. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkustanzi naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D) b'digriet ta' nhar il-9 ta' Diċembru 2020 u dan bi ksur ta' 579 tal-Kapitolu 9;*

Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmija Stefan Spiteri u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma bhala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

F'kaz ta' ħtija il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Charlene Nadine Spiteri  u dan ai termini tal-Art. 382A u 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hi ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għall-garanzija ta' Charlene Nadine Spiteri skont Artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali."

Rat li din il-kawża giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati.

Semgħet il-provi prodotti.

Rat l-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li din il-kawża tinstema' bil-proċedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża kif ukoll l-atti kollha tal-kawża Pulizija vs Charlene Nadine Spiteri (Kumpilazzjoni numru 50/2021).

**Ikkunsidrat:**

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri u fil-proċeduri meħuda kontra Charlene Nadine SPiteir (Kumpilazzjoni numru 50/2021) xehdu varji xhieda u ċioe':

i. L-Ispettur Bernard Charles Spiteri li spjega dak li ġie rrapportat lilu dwar argument familjari li seħħ bejn Stefan Spiteri u Charlene Nadine Spiteri, kif ukoll ippreżenta varji dokumenti.
ii. Dottor Thea Chetcuti li xehdet dwar iċ-ċertifikati mediċi li ġew rilaxxati minnha fil-konfront ta' Stefan Spiteri u Charlene Nadine Spiteri.
iii. PS 156 Ivan Attard li xehed dwar l-involviment tiegħu f' dan l-argument familjari.
iv. PC2258 Rodianne Camilleri li xehdet dwar l-invovliment tagħha f' dan l-argument familjari.
v. PS715 Lucian Gatt li xehed dwar rapport li kienet għamlet Charlene Nadine Spiteri fis-16 ta' Settembru 2021.
vi. PS 664 Jason Xerri li xehed dwar rapport li sar minn Stefan Spiteri fis-17 ta' Settembru 2021.

vii. Dr Edward Cherubino li wara li espleta l-inkarigu tiegħu kkonkluda li l-ġrieħi sofferti minn Stefan Spiteri u Charlene Nadine Spiteri huma ġrieħi ħfief u m' hemm l-ebda permanenza tal-ebda marka.

viii. L-Ispettur Eman Hayman li xehed dwar id-digriet tal-ħelsien mill-arrest mahruġ fil-konfront ta' Stefan Spiteri.

ix. Dottor Daniel Calleja li ppreżenta traduzzjoni tax-xhieda kollha mogħtija.

x. Georgette Fenech li xehdet li xi darba kmieni filgħodu kellha tiġi Għawdex biex tiġbor lil Stefan Spiteri għaliex kien ġie msakkar barra u ma kellux fejn jorqod.

xi. Stefan Spiteri li xehed dwar dak li allegatament ġara bejnu u bejn Charlene Nadine Spiteri.

xii. Charlene Nadine Spiteri li xehdet dwar dak li allegatament ġara bejnha u bejn Stefan Spiteri.

Ikkunsidrat:

Dwar l-ewwel imputazzjoni, u ċioe' li l-imputat kkaġuna ġriehi ta' natura hfief fuq Charlene Nadine Spiteri, il-Prosekuzzjoni pprezentat iċ-ċertifikat mediku relattiv kif ukoll tellgħet bhala xhud lil Dr Thea Chetcuti li kkonfermat il-kontenut ta' dan iċ-ċertifikat mediku. Gie wkoll inkarigat Dr E Cherubino li wara li eżamina lil Charlene Nadine Spiteri, ikkonferma fir-rapport ippreżentat minnu li din sofriet biss grieħi ħfief. Nonostante dan, prova lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li kien proprju l-imputat fid-dati u hin indikati li kkaġuna dawn il-ġrieħi ħfief fuq il-persuna ta' Charlene Nadine Spiteri ma tressqitx. In fatti, l-imputat fix-xhieda tiegħu ma semma fl-ebda ħin li huwa kkaġuna xi ġrieħi fuq il-persuna ta' Charlene Nadine Spiteri.

Mill-banda l-oħra, Charlene Nadine Spiteri xehdet viva voce fejn sostniet li l-imputat ma kien ikkaġunalha l-ebda ġrieħi. In fatti, hija xehdet hekk fid-19 ta' April 2023:

*"The witness:….there was no physical altercation between us………*

*… The Court: So you were not injured,*

*The Witness: No,*

*The Court: No one attacked you;*

*The Witness: No,*

*The Court: No,*

*The Witness: ……I have called them about fifteen (-15) in that week…and just to assist me…We had had an argument and I had just called the police for assistance and they came and removed him from the family home. He packed his belongings, this was on a Thursday evening, and he removed himself from the home with the police present. They assisted me on Thursday after this removal happened, he had come back to the property Thursday evening, Friday evening, I was obviously trying to how do you say? Remove any chance of altercation, that is why on Saturday I remained calm, that is why I had the conversation with him that it is best we go our separate ways…*

*The Court: but you are confirming on oath that on this particular incident when you called the police to help you and then you ended up in the police station and you ended up being faced with charges against you as well, there were no injuries which you suffered*

*The witness: No."*

Din il-verzjoni tikkontrasta mal-kontenut ta' l-istqarrija li ġiet rilaxxata minnha a tempo vergine. Id-difiża argumentat li din il-Qorti għandha tiskarta tali stqarrija peress li ma tistax tintuza fil-konfront ta' Stefan Spiteri ġialadarba, tali ngħatat meta l-istess Charlene Nadine Spiteri kienet suspettata u effettivament ġiet ukoll akkużatha dwar l-istess inċident, bil-konsegwenza li hija ko-imputata. Din il-Qorti hija konsapevoli tal-ġurisprudenza nostrana dwar dak li għandu jkun ammissibbli jew le, fir-rigward ta' persuni li huma wkoll akkużati in konnessjoni ma' l-istess inċident u liema każ jkun għadu mhux deċiż. Għandha ssir għalhekk referenza għal dak li ntqal minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna, Spettur Priscilla Caruana Lee) vs Omissis, Anthony Galea fil-25 ta' Marzu 2019:

*"Id-difiza tal-imputat sostniet li l-istqarrija tal-ko-imputat ma hiex ammissibbli bħala prova f'din il-kawża. L-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.*

*Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew l-akkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali.*

*Din ir-regola hija desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. Fil-kaz odjern, il-kaz kontra l-ko-akkuzat Gilbert Galea ghadhu mhux deciz.*

*Id-difiza ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk dak kollu li qal il-ko-imputat mhux ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.*

*Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet fosthom Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; Il-Pulizija vs Toni Pisani Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; The Police vs Alfred W. Luck et, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; IlPulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; Il-*

*Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.*

*Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut" spjegat li:*

*"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall- gurisprudenzahemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala koawtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat liehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat liehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-*

*akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

*Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-digriet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia", fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:*

*"Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi procedure separat.*

*Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet:*

*R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531l; P. v. Toni Pisani App. Krim., 11/11/1944, Kollezz. Deciz. XXXII.iv.792; R. v. Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.547; P. v. Alfred W. Luck et., App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870, u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti*

*Kriminali, 15/12/1997 kif integrate bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-istess ismijiet tal-31/7/1998.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et."stqarret li:*

*"Kwantu ghal dawk ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkuzati, il-gurisprudenza, ibbazata kemm fuq il-ligi kif ukoll fuq il-buon sens, hi cara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem ilkompjant Imhallef William Harding:*

*"Maltese law, in fact, in section 632, Chapter 12 (Illum 636; Kap. 9), considers as incompetent to give evidence (except of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to. Maltese law does not make any distinction as to whether the evidence of the codefendant is required by the prosecution or by another defendant.""*

*Il-Qorti taghmel referenza għad-digriet datat 4 ta' Frar, 2004, fl-ismijiet irRepubblika ta' Malta vs Brian Vella. Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-ġuri ta' Brian Vella jiġi xolt, u dan a bażi tal-fatt illi x-xhud Domenic Bonnici, illi kien akkużat bl-istess reati bħall-akkużat, kien għadu ma għaddiex proċeduri, u għalhekk*

*mhux xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkużat ai termini tal-Kodiċi Kriminali:*

*"persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik ilpersuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor b'mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati'.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius tal-Imħallef Vincent DeGaetano tal-11 ta' Lulju, 1997:*

*"Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan ilprinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti lġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż".*

*Il-Qorti tfakkar f'Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali fejn hemm imnizzel li "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."*

Fl-istess din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fil-kawża fl-ismijiet IL-PULIZIJA (Spettur Joseph Mercieca) (Spettur Andy Rotin) -Vs JOSEPH GALEA EMMANUEL DEGABRIELE deċiża fit-23 ta' Ottubru 2023 spjegat:

*"Hawnhekk irid jingħad illi dak kollu li ġie mistqarr mill-imputat Emmanuel Degabriele, inkluż għalhekk l-istqarrija li l-għodda kollha li nstabu mill-Pulizija filpussess tiegħu kien xtrahom mingħand il-ko-imputat Joseph Galea, jgħodd bħala prova fil-konfront tiegħu biss. Huwa prinċipju fondamentali tal-proċedura kriminali illi dak li jgħid l-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor, ma jistax jitqies bipreġudizzju jew favur il-persuna l-oħra li wkoll tinsab akkuzata bl-istess reat. Fi kliem iehor, dak li tgħid persuna akkuzata jgħodd biss fil-konfront tagħha. Dan ilprinċipju huwa rispekkjat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 660 tal-Kap. 9 li jipprovdu li konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.*

*Għalhekk, dak li jgħid ko-akkuzat ma jista' la jibbenefika u lanqas jippreġudika koakkużat ieħor in tema ingħad:-*

*"… hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkuzati blistess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell – imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor".*

*Dan il-prinċipju ġie riaffermat konsistentement; per eżempju fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija v. Omissis u Jeremy Farrugia, deċiża fit-23 ta' Mejju 2001, ingħad:-*

*"... r-regola ... li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat liehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz ..."*

Fil-każ odjern, għalkemm huwa minnu li si tratta ta' l-istess inċident, Charlene Nadine Spiteri qegħda tiġi akkużatha li għamlet ċerti reati fil-konfront ta' Stefan Spiteri mentri Stefan Spiteri qed jiġi akkużat li għamel ċerti reati fil-konfront ta' Charlene Nadine Spiteri. Dan ifisser li mhumiex qed jiġu akkużati li għamlu xi reat fil-konfront ta' xi terza persuna, izda li għamlu reati fil-konfront ta' xulxin. Mhuwiex il-kaz, fejn per ezempju qed jiġu akkużati li entrambi serqu jew kienu kompliċi f' serq ta' certu oġġetti minn post partikolari f' ħin u data partikolari. Għalhekk, bl-ebda mod ma jistgħu jiġu meqjusa li huma ko-imputati. Għadaqstant, din il-Qorti sejra tqis bhala infondat l-argument tad-difiża li l-istqarrija rilaxxata minn Charlene Nadine Spiteri a tempo vergine mhijiex ammissibbli.

Madanakollu, għalkemm fl-istqarrija rilaxxata, hemm deskrizzjoni dettaljata ta' dak li allegatament gara, din il-Qorti ma tistax tiskarta dak li qalet Charlene Nadine Sptieri quddiemha stess. Din il-Qorti stess staqsietha ammonti ta' domandi biex tassigura ruħha li l-imputata taf x' inhi tgħid u din baqgħet tinsisti li dakinhar tad-dati mnizzla fl-imputazzjonijiet ma kienet soffriet l-ebda ġrieħi. Għalhekk, f' dan l-isfond, din il-Qorti ma għandhiex dik il-konvinzjoni morali neċessarja biex issib ħtija fl-imputat f' din l-ewwel imputazzjoni.

Din il-Qorti wkoll sejra tapplika dawn l-istess konsiderazzjonijiet għal dak li għandu x' jaqsam mat-tielet, mar-raba', mal-hames u mas-sitt imputazzjonijiet. Il-prova reġina kellha tkun ix-xhieda ta' Charlene Nadine Spiteri izda kif ġia' ġie osservat minn din il-Qorti, waqt id-depozizzjoni tagħha, fl-ebda ħin ma xehdet dwar dawn l-imputazzjonijiet, mentri fix-xhieda li tat fl-istqarrija tagħha, kif ġia ngħadd, din il-Qorti ma tqiesx li tista' tistrieħ fuqha. Għalhekk, kwalunkwe xhieda oħra ta' uffiċjali li nvestigaw dan il-każ, ma ġietx ikkoraborata mill-allegata vittma bil-konsegwenza li din il-Qorti lanqas ma tista' ssib ħtija fl-imputat fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u ċioe' dik ta' serq, lanqas din ma ġiet ippruvatha. In fatti, l-uffiċjal prosekutur stess ikkonferma u eżebixxa provi dokumentarji li dan il-mobile partikolari huwa reġistrat/ mixtri mill-imputat (Vide Doc BCSX8 u Dok SS1a u Dok SS1b). In fatti huwa stqarr:

"*…xi ġranet wara kont irċevejt email minħhand Stefan Spiteri nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Settembru fejn f' din l-email huwa kien qal illi l-mobile…kien għaddieli ukoll attachment tal-irċevuta tal-mobile tal-iPhone bis-serial number…x ġranet wara jien kont bgħatt erġajt ghal Charlene Nadine Spiteri u tlabtha, kulma tlabtha, tlabntha biss biex niċċekjaw is-serial number tal-mobile li qabel li kien ma' dak li hemm fl-irċevuta illi ha nesebixxi."* (Xhieda moghtija fit-13 ta' Ottubru 2021).

In oltre, l-istess Charlene Nadine Spiteri sostniet li l-mobile kien tar-raġel tagħha u tahulha bhala rigal u li hi ma ghandha l-ebda problema li tgħaddilu dan il-mobile lura. Din il-Qorti tqies li l-elementi rikjesti għal serq aggravat ma ġewx assolutament ippruvati u għalhekk l-imputat ser jiġi liberat ukoll minn din l-imputazzjoni.

Finalment fir-rigward tas-seba' imputazzjoni, din il-Qorti tqies li ġialadarba l-imputat ser jiġi liberat mill-imputazzjonijiet l-ohra, huwa ma jistax jinstab hati ta'

din l-imputazzjoni. In oltre, il-Prosekuzzjoni naqset li tressaq lir-Reġistratur tal-Qrati ta' Ġustizzja sabiex jiġi kkonfermat li l-kundizzjonijiet tal-ħelsien tal-arrest eżebiti kienu effettivament dawk li għadhom viġenti u li ma ġewx mibdula f' xi zmien.

**Deċide:**

**Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qed tillibera lil imputat minn kull kundanna u ħtija.**

(ft.) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur